MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru 1/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**David sive David-Norbert Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 1 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat David sive David-Norbert Schembri, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li fit-tlieta (3) ta' Mejju, elfejn u erba (2004), David (David-Norbert) Schembri mar ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija (6.30 p.m.), fejn kienet toqghod il-*partner* tieghu Josette Scicluna, San Gwann. Illi r-relazzjoni taghhom kienet fi krizi ghal xi zmien. David (David-Norbert) Schembri mar armat b'pistola w f'mument minnhom spara fuq is-serratura tal-bieb u dahal fejn kienu joqghodu Josette Scicluna w bintu. Illi kif rat hekk, Josette Scicluna ppruvat tiddefendi ruhha izda David (David-Norbert)

Schembri hataf sikkina w beda jaghtiha, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghdilha l-hajja taghha f’periklu car, diversi daqqiet, inkluz f’postijiet vitali ta’ gisimha, w ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi David sive David-Norbert Schembri hati ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 211(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap li fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe’ fit-3 ta’ Mejju, 2004, ghall-habta tas-6.30 p.m. u xi hin qabel, f’San Gwann, David (David-Norbert) Schembri kellu f’idejh u fuqu arma tan-nar (pistola) w munizzjon minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hu fil-fatt anke spara dil-pistola fuq il-bieb ta’ barra tar-residenza ta’ Josette Scicluna.

Illi b’eghmilu l-imsemmi David (David-Norbert) Schembri sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f’idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi David (David-Norbert) Schembri hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pusses jew kontroll tieghu jew kellu f’idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lill-David (David-Norbert) Schembri hati skond l-Ewwel kap tal-Att tal-Akkuza w li bih unanimament sabu lill-David (David-Norbert) Schembri hati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

1. Tiddikjara ghalhekk lil David sive (David-Norbert) Schembri hati talli fit-3 ta’ Mejju, 2004, ghall-habta tas-6.30 p.m u xi hin qabel f’San Gwann, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkaguna l-mewt ta' Josette Scicluna, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. Tiddikjara lil David sive (David-Norbert) Schembri hati talli fit-3 ta’ Mejju, 2004, ghall-habta tas-6.30 p.m. u xi hin qabel f’San Gwann, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pusses jew kontroll tieghu jew kellu f’idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Joseph Brincat, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti :-

1. li l-verdett ma kienx unanimu w ghalhekk il-piena ta’ ghomor ma kienitx wahda tassattiva w il-Qorti setghet taghti piena aktar baxxa;

2. li kien il-hati stess li wara l-incident kien mar l-ghassa ta’ San Gwann u ghalhekk ta cans lill-Pulizija li

tmur fuq il-post minnufih. Dan kien kaz ta' ko-operazzjoni bikrija w partecipazzjoni pozittiva biex forsi s-sitwazzjoni li kien holoq tigi *"reversed".*

3. illi hu tul il-kawza zamm l-isem tajjeb tal-vittma;

4. li d-difiza kienet leali w ma qaghditx tinvoka eccezzjonijiet ohra futili bhala legittima difesa;

5. li kif qal l-espert Dr. Scerri, l-hati zgur ma kienx jaf fejn kienet l-arterja vitali li ntlaqghtet b'wahda mill-feriti li kien ghamel;

6. ghalkemm il-hati kellu kondotta refrattarja, f'dan il-kaz, ma kellu ebda addebitu tar-recidiva;

7. illi d-difiza m'ghandix dubju li bint il-hati baghtiet trawma f'dan il-kaz;

8. li l-hati ma kienx qed jitlob hniena imma kien qed jitlob gustizzja;

9. ghalhekk talab li l-Qorti tuza' l-fakulta' li taghtiha l-Ligi w ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara, li jinsabu kollha registrati w senjatament :-

1. li l-espert Dr. Scerri kien qal ukoll li qabel ma mietet il-vittma kienet ghaddiet minn martirju w li l-hati kien ghamillha feriti fuq il-parti genitali taghha, fuq sidirha w f'wiccha biex jisfregjha. Dan kien kaz ta' krudelta' estrema li gie kommess fil-presenza ta' bintu stess;

2. li l-uzu ta' l-armi, kemm jekk dawn ikun armi tan-nar kif ukoll jekk dawn ikun skieken, skond l-insenjatament tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghandu jigi punit estremament u serjament;

3. li l-gurati ma kienux jafu bil-kazijiet ripetuti ta' droga w anki ta' feriti gravi fuq persuna ohra li taghhom kien instab hati David Norbert Schembri;

4. li l-hati ma kien wera ebda hniena ma din il-mara fragli li kienet go' daraha ghall-affari taghha taghti l-ikel lill-bintha w hu dahal go darha b'pistola w kwantita' ta' bullets u aggrediha darbtejn. Kien rari f'din il-Qorti li tiltaqa' ma krudelta' daqshekk kiefra;

5. li fic-cirkostanzi l-vot ta' tmienja kontra wiehed, ghalkemm ma kienx unanimu, kien ifisser hafna;

6. il-hati ma kien jimmerita' ebda hniena ghax hu ma kellux hniena mill-vittma w ghalhekk f'dan il-kaz il-

prosekuzzjoni kienet xorta qed tinsisti ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru;

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-Avukatessa Giannella Caruana Curran ghall-*parte civile* dwar il-piena li huma s-segwenti:-

1. ghalkemm kull omicidju kien ikrah, kien hemm omicidji aktar koroh minn ohrajn u dan kien wiehed minnhom;
2. il-vittma w bintha kienu ilhom jigu mhedda fil-bejta taghhom ghal hafna zmien mill-hati w sahansitra l-vittma kienet spiccat l-isptar darbtejn waqt li kienet ghadha tqila;
3. li meta l-vittma kienet tipprova tirraporta lill-Pulizija kienet titlob biss protezzjoni biex il-Pulizija tkellmu halli l-hati ma jkellimix izjed u ma jsawwatix izjed;
4. illi wara li ta l-vittma d-disa' w erbghin daqqa, l-hati hareg barra w qal quddiem wahda mill-girien "Cemplu lill-Pulizija issa!". Dan id-diskors qalu ghaliex ftit qabel dakinhar kien proprju ghadu kif irceva telefonata mill-Pulizija biex imur ikellimhom dwar rapport li ghamliltlu l-vittma. Ghalhekk qal hekk ghax kien ghamel li kellu jaghmel;
5. il-familja trid li ssir gustizzja biex is-sentenza ta' din il-Qorti mhux biss isservi ta' protezzjoni mill-hati izda ghan-nies ohra, irgiel u nisa, fil-konfront ta' min hu *"bully".*

Ikkonsidrat

Qieset li, kif jidher mill-fedina penali aggornata tal-hati, din mhux l-ewwel darba li hu kiser difrejh mal-ligi. Di fatti hu ssubixxa mhux inqas minn tnax il-kundanna mill-Qrati li, fi tlieta minnhom, inghatatlu piena ta' prigunerija effettiva w dan wara sensiela ta' liberazzjonijiet kondizzjonati, *probation* u multi. Hu nstab hati diversi drabi ta' reati konnessi mas-sewqan u ta' pussess tad-droga cannabis, eroina u/jew kokajina w darba minnhom anki li forna jew ipprokura d-droga lil terzi. Ghandu ukoll kundanni ghall-glied u reati ta' vjolenza, senjatament wahda fejn saq ghal tal-apposta fuq persuna ohra b' karozza w ikkagunalhu offizi ta' natura gravi.

Jirrizulta li hu kellu problema tad-drogi w, minnkejja li l-Qrati ghamlu minn kollox biex jatuh l-opportunita' li johrog minn dan il-vizzju, hu baqa' ma harigx minnu. Forsi ukoll il-Qrati ghamlu izzejjed mieghu f' dar-rigward.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li, kif jirrizulta mid-deposizzjoni tal-probation officer Marietta Lanzon fil-kumpilazzjoni (fol. 313 sa 315), appena tmint ijiem qabel dan id-delitt, minnkejja li l-*probation officer* tal-hati kienet fil-25 t'April, 2004, infurmat lil Qorti ohra li ghalkemm huma kienu ezawrew dak kollu possibbli li setghu jaghmlu mal-hati, li dak iz-zmien kien qed jittestja posittiv ghall-kokajina, w li kien gja rrizulta lill-*probation officer* li kien beda jhedded lil Josette Scicluna, minkejja li kien taht probation, dik il-Qorti, minnflok ittrattat mal-hati billi kkonvertietlu l-*probation* ghall-piena restrittiva tal-liberta' w warrbitu mic-cirkolazzjoni, kienet estendietlu l-perijodu tal-probation. Forsi, kieku ma sarx hekk, dan id-delitt fahxi li gara' biss tmint ijiem wara, setgha jigi evitat ghal kollox u Josette Scicluna kienet tibqa' tgawdi l-hajja ma bintha.

Imma apparti l-kondotta refrattarja precedenti ghall-kommissjoni ta' dan id-delitt, jirrizulta mill-atti processwali li l-hati, waqt li hu kien bil-liberta' provizorja li giet akkordata lilu minn Qorti ohra, sahansitra kien ipprova jahrab minn Malta qabel ma jghaddi dan il-guri, cirkostanza li wasslet lil din il-Qorti kif preseduta biex tordna li hu jitlef il-liberta' provizorja w sahansitra biex umbaghad gie misjub hati li f'din l-okkazzjoni kien assocja ruhu ma' persuni ohra biex jimbarka minn Malta minghajr passaport u minghajr ma jaghti lill-ufficjal principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta mill-Ligi u biex gie kundannat ghall-piena ta' tlieta w ghoxrin (23) xahar prigunerija recentement, minn Qorti ohra w cioe' fit-30 ta' Dicembru, 2008.

Qieset ukoll li, barra r-rizultat fatali tal-agir tieghu, w l-mod mill-aktar vjolenti kif huwa kiseb access ghad-dar tal-vittma, fejn hu ma kellu assolutament ebda dritt li jidhol, il-hati indubbjament ikkaguna trawma indimentikabbli fuq bintu li, fil-hin meta huwa spara hames tiri gol-bieb ta' barra, kienet qed tiekol biss ftit passi l-gewwa minn dan il-

bieb u li umbaghad ratu diehel bil-pistola f'idu sejjer fejn kienet ommha fil-kcina.

Umbaghad il-mod krudili w mill-aktar brutali li bih twettaq id-delitt innifsu, ma jhalli ebda alternattiva ghal din il-Qorti hlief li taghti l-piena massima possibbli skond il-ligi ghall-htija kif konstatata mill-verdett tal-gurija.

Ikkonsidrat

Illi l-piena massima ghall-Ewwel reat hija dik ta' ghomor il-habs u ghalkemm skond l-artikolu 492 (2) il-Qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax il-sena, minnflok il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor meta l-voti tal-gurati ma jkunux unanimu , kif inhu f' dan il-kaz, din il-Qorti ma jidhrilix li ghandha tuza din id-diskrezzjoni favur il-hati ta' dan id-delitt kiefer.

Inoltre, l-hati instab ukoll hati unanimament tat-tieni kap li jgib piena massima ta' sentejn habs, u skond l-artikolu 17 (a) persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, illi jaqghu taht pieni li jnaqqsu l-liberta' personali, li wahda minnhom tkun ghal ghomor, tigi kundannata ghal din il-piena bir-rekluzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 211 (1) u (2), 17(a), 31 (1) (e) u 533 tal-Kodici Kriminali w l-artikoli 2, 3 (1A) 19 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati David sive David-Norbert Schembri ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru bir-rekluzjoni ghal tlitt perijodi. Inoltre tikkundannah ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' sebat elef, seba' mija, tnejn u ghoxrin Euro w sitta w tletin centezmi (€7722.36), import tal-ispejjez peritali inkorsi f' din il-kawza.

Finalment tordna l-konfiska tal-arma (revolver esebit) u l-munizzjon kemm dak li lahaq gie sparat kif ukoll dak li kien ghadu ma giex sparat u tas-sikkina w il-manku esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------